MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Numru. 67/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Marius Florin Tanasa ta' 19 il-sena, iben Anghel u Joanna nee` Mielea, imwieled gewwa r-Romania nhar is-17 ta' Frar 1992, residenti Emelton Flats Flat 1 Triq in-Naxxar San Gwann u detentur tal-karta tal-identita 56785A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Marius Florin Tanasa li gie akkuzat talli:

1. Talli fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Jannar 2012 u t-22 ta' Jannar 2012 u fil-granet ta' qabel, gewwa San Giljan, flimkien ma nies ohra, b'diversi atti maghmulin minnu,

ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Chelsea Bonavia u nies ohra mhux maghrufa.

2. U aktar talli, fl-istess lok hin u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun inndahal biex ibiegghom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess:

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, l-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-oggetti misruqa gew ritornati lid-derubati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(c)(f), 267, 270 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tminn (8) xhur priguneri liema perjodu ta’ prigunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------